**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, dwar l-eżitu tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2022**

Sur President, nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 21 u 22 ta' Ottubru 2021, reġa' ltaqa' l-Kunsill Ewropew fi Brussell. Kif isir is-soltu qiegħed naġġorna lil din il-Kamra dwar l-eżitu ta' din il-laqgħa.

It-temi prinċipali li formalment kienu fuq l-aġenda tal-Kunsill kienu:

1. Il-prezzijiet tal-enerġija
2. L-immigrazzjoni;
3. Il-pandemija COVID-19;
4. It-trasformazzjoni diġitali;
5. Il-Kummerċ; u
6. Ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni.

Ma' dawn kellna wkoll diskussjoni informali dwar is-saltna tad-dritt, fl-isfond ta' dak li ġara fl-aħħar sentenzi li ngħataw mill-Qrati Kostituzzjonali fil-Polonja.

Imma nibda mill-ewwel billi nindirizza dak li ġie diskuss fuq l-enerġija, li okkupa parti sostanzjali mid-diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill.

Hekk kif il-prezzijiet tal-gass, taż-żejt u l-karbonju qed kull ma jmurjiżdiedu, bħala mexxejja kellna diskussjoni dwar ir-riperkussjonijiet ta' dinis-sitwazzjoni fuq il-familji u n-negozji, kif ukoll fuq l-ekonomiji b'modġenerali. Dan meta bħalissa qegħdin fi stadji delikati tal-irkupru ekonomiku mill-impatt tal-pandemija.

Din kienet diskussjoni li ġabet ħafna argumenti madwar il-mejda. Kull pajjiż għandu l-pożizzjoni u l-fehmiet tiegħu, mhux anqas pajjiżna, anke għaliex kull pajjiż għandu ċirkostanzi speċifiċi li jiddeterminaw kif jipproduċi l-enerġija, minn fejn jixtri l-enerġija, liema sorsi ta' materja prima juża, kif jintaxxa d-dawl u l-ilma, kemm hemm kompetizzjoni fis-suq u kemm sar investiment fis-settur.

Sur President, spjegajt kif Malta, gżira ċkejkna fil-Mediterran, għażlet li tinvesti f'teknoloġiji li ma jniġġsux, u għalhekk saret il-qalba fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-*heavy fuel oil* għall-LNG. Hemm numru ta' Stati Membri li għadhom saħansitra jużaw il-faħam.

Ma waqafniex hemm. Ma' dan tajna wkoll inċentivi fost l-aktar ġenerużi fl-Unjoni Ewropea, jekk mhux l-aktar, għal min jinvesti fl-enerġija rinovabbli.

Dan għamilnieh għax bħall-Kummissjoni Ewropea u l-maġġoranza tal- istati membri tal-Unjoni Ewropea, dan il-Gvern ukoll jemmen li l- investiment fl-enerġija rinovabbli hu ċ-ċavetta biex inkunu aktar awtonomiminn dak li jiġri fis-swieq internazzjonali, u biex nilħqu l-miri ambjentali tagħna rigward it-tibdil fil-klima.

Kif spjegajna b'mod ċar fil-miżuri tal-Baġit, dan l-investiment se nkomplu nsaħħuh, speċjalment għax nemmnu li permezz ta' hekk nistgħu nibqgħunoffru l-orħos rati possibbli liċ-ċittadini u lin-negozji tagħna.

Sur President, sħaqt biex ir-realtà tagħna tkun rikonoxxuta mill-Kunsill Ewropew, u kuntent li

f'dik id-diskussjoni li saret, bħala Gvern irnexxielna nikkonvinċu lill-pajjiżi l-oħra biex fil-konklużjonijiet formali tal-Kunsill ikun hemm referenza mhux darba, iżda darbtejn,għall-fatti partikolari u d-diversitajiet ta' kulħadd meta niġu biex nappoġġjaw liċ-ċittadini u lin-negozji tagħna.

Għaliex iva, għalkemm naqblu mat-*toolbox* imressqa mill-Kummissjoni, li tispjega l-għodod jew ir-rimedji speċifiċi li huma disponibbli għalina biex nimmitigaw l-effett taż-żieda fil-prezz tal-enerġija, ir-realtajiet tagħna – jiġifieri ta' Malta - jista' jkun li se jirrikjedu soluzzjonijiet *ad hoc* biex il-kontijiet għall-familji u n-negozji jibqgħu stabbli u kif inhuma. Qatt ma jien se naċċetta li l-pressjoni internazzjonali taż-żieda fil-prezzijiet naqbdu u nixħtuha fuq il-konsumatur.

Qed ngħid għal realtajiet bħall-fatt li aħna gżira żgħira li ma tiflaħx aktar minn distributur wieħed tal-enerġija u li l-ammont ta' tassazzjoni fuq l-enerġija fil-każ tagħna diġà hu baxx ħafna.

Allura, għalkemm qbilna ħafna ma' dawk il-pajjiżi li qed jgħidu li s-soluzzjoni fit-tul hi l-enerġija rinovabbli – u assolutament m'hemmx dubju dwar dan - qbilna wkoll ma' dawk li qed jinsistu li għandu jkollna l-flessibiltà li nagħtu protezzjoni fl-immedjat, *short term measure*. Dan speċjalment biex ma jkunx hemm xokkijiet ekonomiċi, f'mument fejnqed nirkupraw mill-agħar effetti tal-pandemija.

Kunsiderazzjoni oħra kienet il-fatt li jekk ma noffrux protezzjoni issa, jista' jkun hemm impatti negattivi fl-investiment fl-enerġija rinovabbli li jwassalna biex ma nilħqux il-miri tagħna f'dan is-settur u dawk relatati miegħu aktar 'il quddiem.

Il-fatt li l-Kunsill qabel li tingħata l-flessibilità neċessarja lill-istati membri kien importanti anke fil-kuntest ta' dak li qed iħabbtu wiċċhom miegħu reġjuni insulari bħal Malta, inkluż l-isfida tal-inflazzjoni minħabba żieda fi spejjeż relatati mat-trasport li potenzjalment jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività.

Sur President, l-impenn tiegħi mal-Maltin u l-Għawdxin jibqa' ċar. Bl-istessmod li ħdimna biex inżommu l-ekonomija tagħna fuq saqajha fil-pandemija permezz tal-*wage supplement*, l-istess ser nagħmlu issa billi nassiguraw l-istabilità tal-prezz tal-enerġija f'Malta. B'dan il-mod, il-familji u n-negozji tagħna jistgħu ikomplu jħaddmu l-pjan u l-viżjoni tagħhom, u jsir it-tkabbir li tant ikunu ppjanaw u ħadmu għalih.

Dan imbagħad iwassalni għat-tieni punt li dwaru kien hemm diskussjoni mqanqla: l-immigrazzjoni. Hawn l-enfasi kienet fuq l-aspett estern, jiġifieri l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, bl-ikbar enfasi fuq kooperazzjoni mal-pajjiżi minn fejn jiġu l-immigranti u dawk tat-transitu, bħal-Libja.

Kien hemm ftehim bejn l-istati membri fuq dan l-aspett u qbilna li rridu ninvestu aktar f'pajjiżi li huma msieħba tagħna, biex inwaqqfu l-influss ta' immigranti u niġġieldu t-traffikanti tal-bnedmin, filwaqt li nindirizzaw dak li rreferejna għalih bħala *'the weaponisation of migration'* - l-istrumentalizzazzjoni tal-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi.

Hawn imbagħad saret diskussjoni interessanti ferm dwar fruntieri tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea, l-aktar dawk li jmissu mal-Belarus fid-dawl ta' dak li għaddej, u l-idea li jiġu ffinanzjati minn fondi Ewropej miżuri li jżommu l-immigranti 'l barra mill-Unjoni Ewropea. Din naħseb li kienet waħda mill-aktar partijiet jaħarqu tad-diskussjoni. Id-diskussjoni kienet relatata l-aktar ma' kemm

dawn il-miżuri jkunu konformi mal-liġijiet internazzjonali u regolamenti oħrajn li jorbtu lill-istess Kummissjoni Ewropea.

Apparti hekk, il-Kunsill qabel li filwaqt li rridu naħdmu ma' pajjiżi terzi fuq l-immigrazzjoni, irridu wkoll ngħinuhom fl-iżvilupp tagħhom u biex ikunu aktar stabbli.

Min-naħa tagħna bħala a *front line country* fir-reġjun tal-Mediterran, sħaqna bil-kbir fuq dan il-kunċett, fir-relazzjoni tagħna mal-Libja, fost l-oħrajn. Tennejt, Sur President, li kieku m'għamilniex hekk, kien ser ikollna żieda fl-influss ta' immigranti. Barra minn hekk, f'din il-parti tad-diskussjoni stajt nispjega l-importanza tar-relazzjonijiet b'saħħithom tagħna u l-koperazzjoni mal-awtoritajiet Libjani. Nemmen li din hi storja ta' suċċess u li l-Unjoni għandha tiffoka inqas fuq dikjarazzjonijiet u aktar fuq azzjonijiet konkreti li jsaħħu l-koperazzjoni biex niġġieldu t-traffikanti tal-bnedmin u nassiguraw li inqas nies jitilfu ħajjithom fi traġitti perikolużi.

Punt tal-aħħar dwar l-immigrazzjoni - għaliex nemmen li dan kien kruċjali għalina - kien il-punt, li insistejt ħafna dwaru, li jkunu mifruda d-diskussjonijiet dwar riforma potenzjali fiż-żona Schengen mid-diskussjonifuq l-immigrazzjoni. Dawn huma diskussjonijiet separati u ma narax li hu sew li niddiskutu l-introduzzjoni ta' fruntieri interni fl-Unjoni kawża tal-fatt li pajjiż ikun qed jaffaċċja influssi migratorji. Aħna l-parti tagħna qed nagħmluha - bi ftit li xejn solidarjetà jkolli ngħid - u allura se nikkontestaw bil-qawwa kwalunkwe suġġeriment li niġu żvantaġġjati minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna.

Imbagħad naturalment ma naqsitx ukoll diskussjoni dwar il-pandemija. Dan hekk kif numru ta' pajjiżi, anke stati membri fl-Unjoni Ewropea, qed jaraw żieda fir-rata ta' infezzjoni, u saħansitra kellhom jerġgħu jdaħħlu diversi miżuri, inkluż *lockdowns*, biex jikkontrollaw in-numri.

Bħala mexxejja enfasizzajna li ma rridux nerġgħu nkunu f'dik is-sitwazzjoni u għalhekk sħaqna fuq l-importanza ta' programm ta' vaċċinazzjoni li huwa effettiv. Qsamt ma' sħabi l-mexxejja Ewropej l-istorja ta' suċċess ta' Malta f'dan ir-rigward, fejn pajjiżna għandu wkoll l-ogħla rata ta' vaċċinazzjoni u fl-istess ħin ninsabu quddiem nett fil-programm ta' *boosters* tal-istess vaċċin.

Għalhekk, minn hawn nixtieq intenni l-appell tiegħi lil dawk li għadhom maħadux il-vaċċin biex jeħduh mill-aktar fis. Intenni wkoll appell lil dawk li waslu għall-*booster,* biex jilqgħu din l-istedina wkoll. Il-programm ta' vaċċinazzjoni huwa l-iktar arma kruċjali fil-ġlieda tagħna kontra l-pandemija. Il-vaċċin huwa s-soluzzjoni.

Irrid nagħlaq, Sur President, bi ftit rimarki fuq il-punti l-oħra li kienu fuq l-aġenda tal-Kunsill.

Nirreferi għad diskussjoni dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, fejn aċċennajna għal darb' oħra li l-għan tal-Ewropa għandu jkun li tkun fost mexxejja globali fit-trasformazzjoni digitali. Qbilna li dan se jwassal għal tkabbir ekonomiku, impjiegi ġodda, u żieda fil-kompetittività, filwaqt li tissaħħaħ is-sovranità diġitali b'mod determinat u miftuħ. U dan ser jiffaċilita t-transizzjoni għal futur aktar sostenibbli u reżiljenti. Il-Kunsill saħaq fuq l-importanza ta' politika diġitali li hija inklussiva kif ukoll sostenibbli, b'enfasi fuq ħiliet diġitali u fuq l-edukazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill irrikonoxxa ż-żieda f'attività malizjuża u tenna li se titkompla l-ħidma biex ikollna *cyberspace* ħieles, miftuħ, stabbli u sigur.

Qabel ma ntemmet il-laqgħa, il-Kunsill iddiskuta l-preparamenti li qed isirugħall-avvenimenti internazzjonali li ser iseħħu fil-ġimgħat li ġejjin.

Finalment kellna diskussjoni dwar is-saltna tad-dritt li, kif għedt aktar qabel, iċċentrat dwar dak li ġara fl-aħħar jiem fil- Polonja. Dan hekk kif il-Qorti Kostituzzjonali tal-Polonja ddeċidiet li l-Kostituzzjoni Pollakka hija suprema u allura tipprevali fuq liġijiet Ewropej. Kienet diskussjoni li, minkejja li kienet dwar suġġett naturalment jaħraq immens, saret fi spirtu kostruttiv. Kien hemm djalogu li kien diċenti ferm. Sodisfatt li fuq it-tema tas-saltna tad-dritt Malta llum hi meqjusa bħala eżempju pożittiv.

Sur President, qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Konklużjonijiet kif adottati mill-Kunsill Ewropew.